# CATALOGUE
*KATALOGU*

ĊINE AMBJENT

friends of the earth malta

YOUTH POLICY ACADEMY

Funded by the European Union

# WELCOME
## *MERĦBA*




Dear friends!

We're thrilled to welcome you to this year's - and the third - edition of ĊineAmbjent, Friends of the Earth Malta's environmental film festival. From the 17th to the 19th of October, we'll be sharing films that inspire, challenge, and move us - stories that explore the beauty of our planet, the urgency of protecting it, and the power of people working together for change.

Film is a powerful medium that informs and connects. It can transport us across worlds, introduce us to new perspectives, and spark conversations that ripple beyond the screen. That is what ĊineAmbjent is all about: coming together as a community to reflect, imagine, and act.

In this catalogue, you'll find our full programme, film descriptions, and registration details to help plan your festival journey. Whether you're an environmental activist, a film enthusiast, or simply curious about stories that matter, we invite you to explore the selection and register for the screenings that catch your eye.

ĊineAmbjent is more than just a festival - it's a celebration of empathy, creativity, and hope. Thank you for being part of it.

With (tree) hugs and gratitude,

The Friends of the Earth Malta Team

Għeżież ħbieb!

Ħerqana nilqgħukom għall-edizzjoni ta' din is-sena - u t-tielet edizzjoni - ta' ĊineAmbjent, il-festival tal-films ambjentali ta' Friends of the Earth Malta. Mis-17 sad-19 ta' Ottubru ser inkunu qed naqsmu magħkom films li jispirawna, jisfidawna, u jqanqluna - stejjer li jesploraw l-isbuħija tad-dinja tagħna, l-urġenza li nipproteġuha, u l-qawwa tan-nies li jaħdmu flimkien għall-bidla.

Minn dejjem il-film kien mezz qawwi li jinforma u jgħaqqad. Jista' jittrasportana madwar dinjiet different, jintroduċina għal perspettivi ġodda, u jqanqal konverżazzjonijiet li jimxu lil hinn mill-iskrin. Dan huwa dak kollu li hu ĊineAmbjent: li ningħaqdu flimkien bħala komunità biex nirriflettu, nimmaġinaw u nieħdu azzjoni.

F'dan il-katalgu għandek issib il-programm sħiħ tal-festival, deskrizzjonijiet tal-films, u d-dettalji tar-reġistrazzjoni. Dan biex tkun tista' tippjana l-esperjenza tiegħek fil-festival. Kemm jekk int attivist ambjentali, dilettant tal-films, jew sempliċiment kurjuż dwar stejjer li jagħmlu differenza, aħna nistednuk tesplora l-għażla u tirreġistra għall-films li jinteressawk.

ĊineAmbjent huwa aktar minn sempliċiment festival - huwa ċelebrazzjoni ta' empatija, kreattività, u tama. Grazzi talli inti parti minn dan il-festival.

Tislijiet ambjentali,

It-tim ta' Friends of the Earth Malta

# TABLE OF CONTENTS
## *TABELLA TAL-KONTENUT*


**P. 2**

**WELCOME**

*MERĦBA*

**P. 4 - 21**

**SCREENING INFORMATION**

*INFORMAZZJONI DWAR IL-WIRJIET TAL-FILMS*

**P. 22**

**REGISTRATION PAGE**

*PAĠNA TAR-REĠISTRAZZJONI*

**P. 23 - 24**

**PROGRAMME**

*PROGRAMM*

**P. 25 - 26**

**VENUE INFORMATION**

*INFORMAZZJONI DWAR IL-POSTIJIET TAL-WIRJIET TAL-FILMS*

**P. 27**

**COLLABORATORS**

*KOLLABORATURI*

# SCREENING INFORMATION
*INFORMAZZJONI DWAR IL-WIRJIET TAL-FILMS*

# FLOW

**17/10 | 12:40**
EDEN CINEMAS

## Gints Zilbalodis

LATVIA IL-LATVJA | 85’ | 2024



Flow is a visually captivating, wordless animated film set in a post-human world where nature reclaims the planet after a catastrophic flood. It follows a resilient stray cat - alone at first - who forms an unexpected community on a sailboat with other animal survivors: a capybara, a lemur, a dog, and a bird. Together, they navigate the flooded forests and submerged ruins.

The film explores themes of adaptation, ecological balance, and the cooperation needed to survive environmental change. Using beautiful animation created with just open-source software, its silent storytelling becomes a powerful allegory for climate resilience and the fragile beauty of our ecosystems. While it reflects on humanity's impact, Flow ultimately offers a hopeful vision of interdependence, community, and empathy, where every gesture and interaction carries deep emotional weight.

*Flow* huwa film animat, viżwalment affaxxinanti, u bla kliem. Hu ambjentat f’dinja post-umana fejn in-natura qed tirkupra wara għargħar katastrofiku. Il-film isegwi l-vjaġġ ta’ qattus mitluf imma reżiljenti - li jibda waħdu - li jifforma komunità mhux mistennija fuq dgħajsa ma’ annimali oħra: capybara, lemur, kelb, u għasfur. Flimkien, jinnavigaw il-foresti mgħarrqa u l-fdalijiet mgħaddsa fl-ilma.

Il-film jesplora temi bħall-adattament għat-tibdil, il-bilanċ ekoloġiku, u l-kooperazzjoni meħtieġa biex wieħed jissopravivi waqt il-bidla ambjentali. Bl-użu ta’ animazzjoni l-ġmiel tagħha, maħluqa b’sempliċiment *software open-source*, ir-rakkont sieket ta’ dan il-film jinbidel f’allegorija qawwija għar-reżiljenza għall-klima u s-sbuħija fraġli tal-ekosistemi tagħna. Filwaqt li jirrifletti fuq l-impatt tal-umanità, *Flow* fl-aħħar mill-aħħar joffri viżjoni ta’ tama bbażata fuq l-interdipendenza, il-komunità u l-empatija, fejn kull għaġir u interazzjoni jġorru piż emozzjonali profond.

***Full-length; Foreign; Climate Change; Family-friendly***

*Full-length; Film Barrani; It-Tibdil fil-Klima; Addattat għall-familja kollha*

# OIL AND WATER

**17/10 | 17:30**
VALLETTA CONTEMPORARY

## Anjali Nayar

**CANADA** IL-KANADA | **14' | 2020**



In the drought-prone lands of Turkana, Kenya, an oil discovery promises wealth and development. But for the pastoral women of this ancestral community, it threatens to snatch away their sovereignty, their land, and their way of life. This powerful short documentary follows Selina Asekon Chumchum and a group of resilient women as they organise to stand against the dual forces of a multinational oil giant and the deep-seated patriarchy of their own community.

Oil and Water is more than a story of environmental conflict; it is a profound portrait of courage and a fight for justice. The film masterfully weaves together themes of climate justice, Indigenous rights, and gender equality, revealing how these struggles are inextricably linked. As promises of jobs and water fail to materialise, the women emerge as the clear-sighted guardians of their community's future, challenging corrupt politics and greed to protect what is most sacred.

Fl-artijiet ta' Turkana, il-Kenja, artijiet suxxettibli ħafna għan-nixfa, jinstab iż-żejt bi prospetti ta' ġid u żvilupp. Madanakollu, għan-nisa li jaħdmu l-art f'din il-komunità, din l-iskoperta thedded is-sovranità tagħhom, arthom, u l-mod tal-ħajja tagħhom. Dan id-dokumentarju qasir isegwi lil Selina Asekon Chumchum u grupp ta' nisa reżiljenti sħabha waqt li jorganizzaw ruħhom biex jieħdu azzjoni kontra l-forzi ġganteski multinazzjonali taż-żejt u l-forzi patrijarkali magħġuna sew fil-komunità tagħhom stess.

*Oil and Water* hu iktar minn sempliċiment storja ta' kunflitt ambjentali; hu ritratt profond tal-kuraġġ u ġlieda favur il-ġustizzja. Il-film jinseġ flimkien it-temi tal-ġustizzja klimatika, id-drittijiet Indiġeni, u l-ugwaljanza bejn is-sessi, filwaqt li jikxef kif dawn il-ġlidiet huma marbuta b'mod inseparabbli. Hekk kif il-wegħdiet tal-impjiegi u l-ilma ma jimmaterjalizzawx, in-nisa juru li huma huma l-gwardjani b'viżjoni ċara tal-futur tal-komunità tagħhom, waqt li jisfidaw il-politika korrotta u r-regħba biex jipproteġu dak li hu l-aktar sagru.

***Short; Environmental and Social Justice; Women; Documentary; Indigenous Rights; Corporate Control***

*Film Qasir; Il-Ġustizzja Ambjentali u Soċjali; In-Nisa; Dokumentarju; Id-Drittijiet Indiġeni; Il-Kontroll tal-Korporazzjonijiet*

# BIRDS WITHOUT BORDERS

**17/10 | 17:30**
VALLETTA CONTEMPORARY

## Mark Trapani

MALTA | 14’ | 2023



Spring hunting in Malta is one of the island’s most divisive issues, where a centuries-old tradition collides with ecological fragility and shifting cultural values. Birds without Borders traces this evolution - from a practice once rooted in survival to a deeply polarised debate about legality, conservation, and identity within the EU context. Set against Malta’s striking landscapes, the film highlights the fragile balance between human customs and the natural rhythms of bird migration.

Through perspectives from hunters, activists, and community members, the documentary lays bare the emotions and tensions surrounding this tradition. At the same time, it broadens the conversation beyond Malta’s shores, reminding us of the global responsibility to protect migratory species and safeguard ecosystems under strain.

Il-kaċċa fir-rebbiegħa hija waħda mill-iktar kwistjonijiet jaħarqu f’Malta, fejn tradizzjoni ta’ sekli sħaħ tħabbatha kontra l-fraġilità ekoloġika u l-valuri kulturali li dejjem jinbidlu. Birds without Borders isegwi din l-evoluzzjoni - mill-prattika li kellha għeruqha imsejsa fis-sopravivenza għal dibattitu jaħraq ħafna dwar il-legalità, il-konservazzjoni, u l-identità fil-kuntest tal-UE. Fl-isfond tal-pajsaġġ majestuż Malti, il-film jenfasizza l-bilanċ fraġli bejn id-drawwiet tal-bniedem u r-ritmi naturali tal-migrazzjoni tal-għasafar.

Id-dokumentarju iqiegħed fil-beraħ l-emozzjonijiet u t-tensjonijiet marbuta ma’ din it-tradizzjoni mill-perspettiva tal-kaċċaturi, l-attivisti, u l-membri tal-komunità. Fl-istess waqt, hu jwessa’ id-dibattitu lil hinn minn xtutna, filwaqt li jfakkarna fir-responsabbiltà dinjija li għandna li nħarsu l-ispeċi migratorji u nieħdu ħsieb l-ekosistemi li huma taħt pressjoni.

***Short; Local; Conservation; Documentary; Tradition***
*Film Qasir; Film Lokali; Il-Konservazzjoni; Dokumentarju; It-Tradizzjoni;*

# WOMAN OF THE SEA

**17/10 | 17:30**
VALLETTA CONTEMPORARY

## Aprille Zammit & Nikki Muscat

MALTA | 13' | 2025



This short documentary follows the journey of Nikki Muscat - a two-time Olympic swimmer for Malta - as she transitions from the chlorinated lanes of competition to the boundless, tranquil freedom of the open sea. Through breathtaking underwater visuals, all captured in a single breath, the film immerses us in the world of a freediver who has found her true home in the depths.

Woman of the Sea is a profound love letter to the Mediterranean Sea that cradles the Maltese Islands. It explores the deep, personal connection between a woman and the ocean, a relationship built on respect, peace, and a fierce sense of guardianship. The film's intimate and technically daring approach - filmed entirely without tanks - mirrors Nikki's own philosophy: that true harmony with nature requires vulnerability and presence. It is a quiet yet powerful reminder of the beauty we are privileged to live alongside and the urgent need to protect it.

Dan id-dokumentarju qasir isegwi l-vjaġġ ta' Nikki Muscat - għawwiema li rrappreżentat lil Malta fl-Olimpjadi darbtejn - hekk kif taqleb mill-korsiji tal-kompetizzjoni fil-pixxina, għal-libertà bla limitu u trankwilla tal-baħar. Permezz ta' viżwali mill-isbaħ taħt l-ilma, kollha meħuda f'nifs wieħed, il-film idaħħalna fid-dinja ta' *freediver* li sabet id-dar propja tagħha fil-fond.

*Woman of the Sea* hija ittra ta' mħabba qawwija lill-Baħar Mediterran li jdawwar il-Gżejjer Maltin. Id-dokumentarju jesplora l-konnessjoni profonda u personali bejn mara u l-oċean, relazzjoni mibnija fuq ir-rispett, il-paċi, u s-sens kbir ta' protezzjoni. Il-mod intimu u teknikament awdaċi tal-film - iffilmjat kollu kemm hu mingħajr tankijiet tan-nifs - jirrifletti l-filosofija ta' Nikki stess: li l-armonija vera man-natura teħtieġ vulnerabbiltà u preżenza. Il-film hu tifkira ġentili iżda qawwija tas-sbuħija li aħna għandna x-xorti ngħixu ħdejha u l-ħtieġa urġenti li nipproteġu dan il-baħar.

***Short; Local; Marine; Women; Documentary; Conservation***

*Film Qasir; Film Lokali;  L-Ambjent Marittimu; In-Nisa; Dokumentarju; Konservazzjoni*

# ĦUBŻ U RIZZ

**17/10 | 17:30**
VALLETTA CONTEMPORARY

## Chelsea Muscat

MALTA | 2’ | 2025



*Ħubż u Rizz* is an intimate portrait of memory, tradition, and loss in Gozo and the Maltese islands in general. Through casual yet poignant conversations, the filmmaker's father recalls a childhood spent harvesting sea urchins by the shore of San Blas, twelve children from the village with sacks of bounty, eating simply with bread by the sea. Today, the sea is empty of sea urchins, the children gone, and the beach overtaken by foreigners and tourists. What begins as a lighthearted exchange about ripened fruit and old habits shifts into a tender reflection on a “beautiful life” now vanished. Both nostalgic and mournful, the film captures the fragility of cultural memory and the irreversible changes to community and environment in a simple one shot take.

Ħubż u Rizz huwa ritratt intimu ta’ memorja, tradizzjoni, u telf f’Għawdex u l-Gżejjer Maltin b’mod ġenerali. Permezz ta’ konversazzjonijiet każwali iżda pjuttost tad-dwejjaq, missier id-direttur tal-film jiftakar fi tfulitu li qatta’ jaqbad r-rizzi max-xatt ta’ San Blas, tnax mit-tfal tar-raħal bi xkejjer mimlijin, jieklu l-ħobż ħdejn il-baħar. Illum, il-baħar żvojta mir-rizzi, it-tfal sparixxew, u l-bajja ttieħdet mill-barranin u t-turisti. Dak li jibda bħala parlata ħafifa dwar il-frott lest għall-ikel u d-drawwiet qodma jinbidel f'riflessjoni tenera fuq ħajja sabiħa li issa spiċċat. Kemm nostalġiku kif ukoll ta’ dieqa, il-film jikxef il-fraġilità tal-memorja kulturali u l-bidliet irriversibbli fill-komunità u fl-ambjent f'sempliċi *one shot take*.

***Short; Local; Women; Documentary; Tradition; Food***

*Film Qasir; Film Lokali; In-Nisa; Dokumentarju; It-Tradizzjoni; L-Ikel*

# ALCARRÀS

17/10 | 19:00
MOVIMENT GRAFFITTI

## Carla Simón

**SPAIN** SPANJA | **120' | 2022**




Set in rural Catalonia, Alcarràs portrays the final summer of a farming family whose livelihood is threatened when their peach orchards face replacement by solar panels. Through the eyes of different generations – from playful children to weary elders – the film captures the deep bonds between land, labour, and community. It reveals the struggles of small-scale farmers caught between tradition and modernisation, and the looming loss of a way of life.

Alcarràs is both an intimate family portrait and a poignant reflection on the global forces reshaping rural landscapes. It asks what is at stake when the ties that bind us to our environment begin to fray, and invites us to reflect on resilience, belonging, and the futures we choose.

Alcarràs, ambjentat fiż-żoni rurali tal-Katalunja, juri familja ta' bdiewa li l-għajxien tagħhom huwa mhedded għaliex l-ortijiet tal-ħawħ tagħhom se jispiċċaw mibdula b'pannelli solari. Il-film, filwaqt li juri l-perspettivi ta' ġenerazzjonijiet differenti – minn tfal ċkejna jilagħbu sa anzjani għajjiena – jiffoka fuq ir-rabtiet qawwija bejn l-art, ix-xogħol, u l-komunità. Il-film juri t-taqbid tal-bdiewa żgħar bejn it-tradizzjoni u l-ħajja moderna, u t-telf imminenti tal-mod tal-ħajja tagħhom.

Alcarràs iservi ta' ritratt intimu tal-familja, u riflessjoni f'waqitha dwar il-forzi dinjija li qed ibiddlu l-pajsaġġi rurali. Il-film jistaqsi dwar x'se nitilfu meta r-rabtiet tagħna mal-ambjent jibdew jitfarrku, u jistedinna nirriflettu dwar ir-reżiljenza, l-appartenenza, u l-futur li nagħżlu.

***Full-length; Foreign; Tradition; Food; Environmental and Social Justice; Corporate Control***

*Full-length; Film Barrani; It-Tradizzjoni; L-Ikel; Il-Ġustizzja Ambjentali u Soċjali; Il-Kontroll tal-Korporazzjonijiet*

# LUZZU

17/10 | 19:30
CAFÉ RICHE

## Alex Camilleri

MALTA | 94’ | 2021



Jesmark, a struggling Maltese fisherman, faces the relentless pressures of modernity. His brightly painted *luzzu* – a wooden fishing boat inherited from his father and a vivid symbol of Malta's heritage – is becoming harder to keep afloat, threatened by unsustainable fishing, crippling EU regulations and quotas, industrial change, and the shadow of the black market. The movie captures the cost of environmental and economic change on fishing communities with profound empathy, grappling with the painful choice between honouring tradition and securing a future.

*Luzzu* is both intimate and universal; a heartbreakingly authentic portrait of coastal communities worldwide caught between preserving their culture and surviving in a globalised economy. It’s a film about the erosion of tradition, the meaning of legacy, and the difficult compromises demanded by a changing world.

Jesmark, sajjied Malti, qed jitqabad mal-ħajja waqt li jiġi wiċċ imb’wiċċ mall-pressjonijiet bla waqfien tal-ħajja moderna. Huwa għandu luzzu mimli lwien – dgħajsa tas-sajd tal-injam li wiret mingħand missieru, simbolu ħaj tal-wirt Malti. Dejjem qed isir iktar diffiċli biex iżommu f’kundizzjoni tajba minħabba theddid minn sajd insostenibbli, regolamenti u kwoti iebsa tal-UE, bidliet fl-industrija, u l-isfond tas-suq illegali. Il-film juri biċ-ċar u b’empatija profonda l-prezz li jkollhom iħallsu l-komunitajiet tas-sajd minħabba l-bidliet ambjentali u ekonomiċi, filwaqt li jkollhom jagħmlu l-għażla diffiċli bejn li jħarsu t-tradizzjonijiet u jassiguraw il-futur tagħhom.

*Luzzu* huwa film kemm intimu kif ukoll universali; ritratt awtentiku u ta’ qsim il-qalb dwar il-komunitajiet li jgħixu qrib il-baħar madwar id-dinja. Dawn il-komunitajiet huma maqbuda bejn li jżommu l-kultura tagħhom u li jsalvaw f’ekonomija globalizzata. Huwa film dwar il-qerda tat-tradizzjoni, xi jfisser il-wirt, u l-kompromessi iebes li titlob dinja li qed tinbidel.

***Full-length; Local; Environmental and Social Justice; Marine; Tradition; Corporate Control***

*Full-length; Film Lokali; Il-Ġustizzja Ambjentali u Soċjali; L-Ambjent Marittimu; It-Tradizzjoni; Il-Kontroll tal-Korporazzjonijiet*

# THE SEEDS OF VANDANA SHIVA

**17/10 | 20:00**
**KIXOTT**

## Camilla Denton Becket & James Becket

**UNITED STATES** L-ISTATI UNITI **| 82' | 2021**




This documentary tells the remarkable story of Vandana Shiva, the Indian eco-activist and scholar who rose from a childhood in the Himalayan forests to become one of the world's most powerful voices for food sovereignty and environmental justice.

Through her fight against industrial agriculture, genetically modified crops, and corporate control of seeds, Shiva defends biodiversity and the rights of small farmers, while championing traditional knowledge and ecological balance. The film highlights how her activism is not only about protecting nature, but also about safeguarding culture, democracy, and the future of food itself. It is both a portrait of courage and a call to action – a reminder that the seeds we plant today will shape the world of tomorrow.

Dan id-dokumentarju jirrakkonta l-istorja ta' Vandana Shiva, l-eko-attivista u studjuża Indjana li kibret fil-foresti tal-Ħimalaja u saret waħda mill-ilħna l-aktar qawwija fid-dinja għas-sovranità tal-ikel u l-ġustizzja ambjentali.

Permezz tal-ġlieda tagħha kontra l-agrikoltura industrijali, il-ħxejjex ġenetikament modifikati, u l-kontroll korporattiv fuq iż-żrieragħ, Shiva tiddefendi l-bijodiversità u d-drittijiet tal-bdiewa żgħar, filwaqt li tiddefendi l-għarfien tradizzjonali u l-bilanċ ekoloġiku. Il-film jenfasizza kif l-attiviżmu tagħha mhuwiex biss dwar il-protezzjoni tan-natura, iżda wkoll dwar il-ħarsien tal-kultura, id-demokrazija, u l-futur tal-ikel innifsu. Huwa kemm ritratt ta' kuraġġ kif ukoll sejħa għall-azzjoni – tfakkira li ż-żrieragħ li nħawlu llum se jsawru d-dinja ta' għada.

***Full-length; Documentary; Environmental and Social Justice; Food; Tradition; Corporate Control***

*Full-length; Dokumentarju; Il-Ġustizzja Ambjentali u Soċjali; L-Ikel; It-Tradizzjoni; Il-Kontroll tal-Korporazzjonijiet; L-Attiviżmu*

# SAVAGES

18/10 | 11:00
EDEN CINEMAS

## Claude Barras

**SWITZERLAND, FRANCE & BELGIUM** L-IŻVIZZERA, FRANZA U L-BELĠJU **| 87' | 2024**



Savages is a striking stop-motion animation following a young girl who joins her anthropologist father on an expedition to Borneo. What begins as a journey of discovery quickly turns into a confrontation with the brutal realities of deforestation, species extinction, and the fragile ties between people, wildlife, and the land they share.

Blending tender, hand-crafted visuals with urgent ecological themes, the film explores the loss of innocence alongside the destruction of nature. At once intimate and universal, Savages is a moving tale about responsibility, interconnection, and the courage to resist exploitation. It reminds us that safeguarding the planet is not only a scientific duty but also a deeply human one.

*Savages* hu animazzjoni *stop-motion* impressjonanti li jsegwi l-istorja ta' tfajla li tingħaqad ma' missierha, antropologu, fi spedizzjoni lejn Borneo. Dak li jibda bħala vjaġġ ta' skoperta malajr jinbidel f'konfront mar-realtajiet brutali tad-deforestazzjoni, l-estinzjoni tal-ispeċi, u r-rabtiet fraġli bejn in-nies, l-annimali selvaġġi, u l-art li jaqsmu bejniethom.

B'taħlita ta viżwali teneri u maħduma bl-idejn ma' temi ekoloġiċi urġenti, il-film jesplora t-telf tal-innoċenza flimkien mal-qerda tan-natura. Kemm intimu kif ukoll universali, *Savages* huwa rakkont kommoventi dwar ir-responsabbiltà, l-interkonnessjoni, u l-kuraġġ għar-reżistenza tal-isfruttament. Il-film ifakkarna li l-protezzjoni tad-dinja mhuwiex biss dmir xjentifiku iżda wkoll wieħed profondament uman.

***Full-length; Foreign; Family Friendly; Climate Change; Indigenous Rights***

*Full-length; Film Barrani; Addattat għall-familja kollha; It-Tibdil fil-Klima; Id-Drittijiet Indiġeni*

# JANE GOODALL: REASONS FOR HOPE

**18/10 | 13:30**
EDEN CINEMAS

## David Licklet

**CANADA** IL-KANADA **| 45' | 2023**



This documentary takes viewers on an intimate journey through the life and work of Dr Jane Goodall, from her groundbreaking years as a young chimpanzee researcher to her role as one of the world's most influential voices for conservation. Through deeply personal reflections, Goodall shares stories of environmental triumph and practical strategies for compassionate conservation. Her vision of hope is grounded in community-led action, scientific innovation, and individual commitment to the natural world.

The film is both a heartfelt tribute to Goodall's legacy and a gentle yet urgent rallying cry for a better future. In a time of ecological uncertainty, her message continues to inspire generations to recognise that even in the face of daunting challenges, hope remains—not as a passive feeling, but as an active force for change.

Dan id-dokumentarju jieħu lit-telespettaturi fi vjaġġ intimu tul il-ħajja u x-xogħol ta' Dr Jane Goodall, mis-snin innovattivi tagħha bħala riċerkatur żagħżugħa taċ-*chimpanzees* għas-sehem tagħha bħala waħda mill-ilħna l-iktar influwenti fid-dinja tal-konservazzjoni. Permezz ta' riflessjonijiet profondament personali, *Goodall* taqsam stejjer ta' trijonf ambjentali u strateġiji prattiċi għall-konservazzjoni ta' mogħdrija. Il-viżjoni tagħha ta' tama hija msejsa fuq azzjoni mmexxija mill-komunità, innovazzjoni xjentifika, u impenn individwali għad-dinja naturali.

Il-film huwa kemm ġieħ għall-wirt ta' *Goodall* kif ukoll għajta ġentili iżda urġenti għal ġejjieni aħjar. Fi żmien ta' inċertezza ekoloġika, il-messaġġ tagħha jkompli jispira lill-ġenerazzjonijiet biex jagħrfu li anke quddiem sfidi kbar, it-tama tibqa'- mhux bħala sentiment passiv, iżda bħala forza attiva għall-bidla.

***Full-length; Documentary; Conservation; Women; Family Friendly***

*Full-length; Dokumentarju; Konservazzjoni; In-Nisa; Addattat għall-familja kollha*



EDEN CINEMAS

# THE GREAT GREEN WALL

**18/10 | 14:00**
FRIENDS OF THE EARTH

## Jared P. Scott

**UNITED KINGDOM** IR-RENJU UNIT **| 90' | 2019**



The Great Green Wall follows a bold African-led project to restore life to the Sahel with a living wall of trees stretching 8,000 kilometres across the continent. Led by Malian musician and activist Inna Modja, the film captures not only the scale of ecological restoration but also the human stories woven into the struggle against desertification, poverty, and climate change.

Through music, resilience, and grassroots action, The Great Green Wall becomes more than an environmental project - it is a story of hope, identity, and unity. It shows that re-greening the land is also about healing communities, preserving culture, and inspiring a vision of collective survival in the face of one of humanity's greatest challenges.

The *Great Green Wall* isegwi proġett kuraġġuż, immexxi mill-Afrikani, bl-għan li jerġa' jagħti l-ħajja lis-Saħel, b'ħajt ħaj ta' siġar li jtul 8,000 kilometru madwar il-kontinent. Immexxi mill-mużiċista u attivista Maljana Inna Modja, il-film juri mhux biss l-iskala wiesa' tar-restawr ekoloġiku iżda anke l-istejjer umani minsuġa f'din il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, il-faqar u t-tibdil fil-klima.

Permezz tal-mużika, ir-reżiljenza, u l-azzjoni tal-komunità, *The Great Green Wall* isir aktar minn proġett ambjentali - isir storja ta' tama, identità u għaqda. Din l-istorja turi li t-tħaddir mill-ġdid tal-art jirrappreżenta wkoll il-fejqan tal-komunitajiet, il-preservazzjoni tal-kultura, u l-ispirazzjoni ta' viżjoni ta' sopravivenza kollettiva quddiem waħda mill-akbar sfidi tal-umanità.

*Climate Change; Women; Indigenous Rights; Tradition; Activism*

*It-Tibdil fil-Klima; In-Nisa; Id-Drittijiet Indiġeni; It-Tradizzjoni; L-Attiviżmu*

# THE SAMI SONG OF SURVIVAL

**18/10 | 16:00**
FRIENDS OF THE EARTH

## Iara Lee

**UNITED STATES, NORWAY, SWEDEN, FINLAND & RUSSIA** L-ISTATI UNITI, IN-NORVEĠJA, L-IŻVEZJA, IL-FINLANDJA U R-RUSSJA **| 50' | 2025**



This documentary reveals how the Indigenous Sámi people - living across Norway, Sweden, Finland, and Russia - stand firm in their traditions even as the world changes around them. Through protest, art, reindeer herding, fishing, and the revival of shamanistic ritual, the Sámi keep alive ways of life rooted in land, culture, and community.

The film shines light on cultural resistance: young Sámi artists reinventing heritage, elders safeguarding ancient practices, all working together to assert the right to exist and thrive. Existence becomes resistance - and creativity becomes a form of survival. In every song, in every ritual, in every herding journey, the Sámi remind us that respecting culture is integral to preserving our shared environmental future.

Dan id-dokumentarju jiżvela kif in-nies Indiġeni Sámi - li jgħixu madwar in-Norveġja, l-Isvezja, il-Finlandja, u r-Russja - jibqgħu sodi fit-tradizzjonijiet tagħhom anke hekk kif id-dinja ta' madwarhom tinbidel. Permezz tal-protesti, l-arti, it-trobbija taċ-ċriev, is-sajd, u l-qawmien mill-ġdid tar-ritwali Xamanisti, is-Sámi jżommu ħajjin modi ta' ħajja msejsa fl-art, fil-kultura u fil-komunità.

Il-film jitfa dawl fuq ir-reżistenza kulturali: artisti żgħażagħ Sámi li qed jivvintaw mill-ġdid il-wirt tradizzjonali, anzjani li jipproteġu prattiċi antiki, ilkoll jaħdmu flimkien biex jasserixxu d-dritt li jeżistu u jifjorixxu. L-eżistenza ssir reżistenza - u l-kreattività ssir forma ta' sopravivenza. F'kull kanzunetta, f'kull ritwal, f'kull vjaġġ bil-merħla, is-Sámi jfakkruna li r-rispett lejn il-kultura huwa integrali biex nippreservaw il-futur ambjentali li minnu nitrejqu lkoll.

*Indigenous Rights ; Tradition; Foreign; Documentary; Activism*

*Id-Drittijiet Indiġeni; It-Tradizzjoni; Film Barrani; Dokumentarju; L-Attiviżmu*

cultures of RESISTANCE FILMS

# THE GUARDIANS OF PACHAMAMA

**18/10 | 17:00**
FRIENDS OF THE EARTH

Mariah Iviè Cutajar & Jacob Watson

**MALTA | 37’ | 2024**



Deep in the Ecuadorian Amazon, the Waorani and Kichwa peoples are standing firm against oil companies and land exploitation. Their struggle is not only about territory, but also about preserving rivers, forests, and traditions that carry centuries of wisdom. Through intimate encounters and stories, the documentary brings us closer to their resilience and the daily reality of defending a fragile ecosystem.

At its heart, the film is about resistance and care. Guided by voices within the community and the filmmakers who worked alongside them, The Guardians of Pachamama weaves together spirituality, identity, and activism. It reminds us that safeguarding cultural diversity and protecting the natural world are inseparable - and that the survival of one depends on the other.

Fl-isfond tal-Amażonja fl-Ekwador, it-tribujiet *Waorani* u *Kichwa* jibqgħu sodi kontra l-kumpaniji taż-żejt u l-isfruttament tal-art minnhom. Il-ġlieda tagħhom mhix biss dwar it-territorju, iżda wkoll dwar il-preservazzjoni tal-ixmajjar, il-foresti, u t-tradizzjonijiet li magħhom iġorru sekli ta 'għerf. Permezz ta’ laqgħat personali u stejjer intimi, id-dokumentarju jqarrabna lejn ir-reżiljenza ta’ dawn it-tribujiet u r-realtà ta’ kuljum tagħhom fil-ħarsien ta’ ekosistema fraġli.

Fil-qalba tiegħu, il-film huwa dwar ir-reżistenza u kif kulħadd jimpurtah minn u jieħu ħsieb l-oħrajn. Iggwidati minn vuċijiet fi ħdan il-komunità, u l-produtturi tal-films li ħadmu flimkien magħhom, *The Guardians of Pachamama* jinseġ flimkien l-ispiritwalità, l-identità u l-attiviżmu. Dan id-dokumentarju jfakkarna li l-protezzjoni tad-diversità kulturali u tad-dinja naturali huma inseparabbli - u li s-sopravivenza ta’ wieħed tiddependi fuq l-ieħor.

*Indigenous Rights; Tradition; Conservation; Documentary; Activism; Corporate Control*

*Id-Drittijiet Indiġeni; It-Tradizzjoni; Il-Konservazzjoni; Dokumentarju; L-Attiviżmu; Il-Kontroll tal-Korporazzjonijiet*

# THE WILD ROBOT

19/10 | 10:00
EDEN CINEMAS

## Chris Sanders

UNITED STATES L-ISTATI UNITI | 101' | 2024



In The Wild Robot, a robot named Roz survives a shipwreck and finds herself stranded on an island fragmented by climate disaster, with haunting visuals of submerged cities. Her programming is rooted in human engineering, but her transformation into a nurturing guardian underscores a central message: ours is a fragile world best preserved through empathy and coexistence, not exploitation and conquest.

Roz's growing bond with the island's wildlife highlights themes of solidarity and ecosystem balance. Roz evolves from outsider to protector. Thus, the film offers a gentle commentary on AI and environmental stewardship, asking: can technology serve as caretaker rather than a conqueror or destructor? The movie offers a hopeful vision and an invitation to reimagine our technological future - one that supports, rather than undermines, the natural world.

Fil-film *A Wild Robot*, robot bl-isem ta' Roz jirnexxilha ssalva wara li d-dgħajsa li kienet fuqha tegħreq, u hi ssib ruħha fuq gżira li sofriet diżastru ikkaġunat mill-bidla fil-klima, bi bliet mgħerqa taħt l-ilma. Il-programmar ta' Roz hi ħolqien tal-inġinerija umana , iżda jirnexxilha titrasforma ruħha fi protettur. Din il-bidla tenfasizza messaġġ ċentrali: id-dinja tiegħi hi fraġli u tkun ippreservata aħjar bl-empatija u l-koeżistenza, mhux bl-isfruttament u l-konkwista.

Ir-rabta dejjem tikber ta' Roz mal-ispeċi tal-gżira tenfasizza temi ta' solidarjetà u bilanċ fl-ekosistema. Roz tevolvi minn barranija għal gwardjan. Għalhekk, il-film joffri kummentarju ġentili dwar l-intelliġenza artifiċjali u l-ħarsien tal-ambjent. Il-film jistaqsi: it-teknoloġija tista' sservi bħala xi ħaġa li taf tindokra, milli bħala ħakkiem jew aġent ta' qirda? Il-film joffri viżjoni ta' tama u stedina biex nimmaġinaw mill-ġdid il-futur teknoloġiku tagħna - futur li jħares, u mhux jhedded, id-dinja naturali.

***Full-length; Family Friendly; Climate Change; Conservation; Technology***

*Full-length; Addattat għall-familja kollha; It-Tibdil fil-Klima; Konservazzjoni; It-Teknoloġija*

# FOOD FOR PROFIT

**19/10 | 12:00**
FRIENDS OF THE EARTH

## Giulia Innocenzi & Pablo D'Ambrosi

**ITALY** L-ITALJA **| 90’ | 2024**



Behind the labels and promises of the food industry lies a troubling reality. Food for Profit exposes how large agribusiness and factory farming exploit animals, people, and the planet - often with political systems complicit in the cycle. Through powerful investigative storytelling, the film uncovers the hidden costs of mass production: environmental destruction, animal suffering, and public health risks.

At its core, the documentary is a call for accountability and transparency. It exposes the complicity of those that benefit from the industrial food system, and asks whether endless profit can ever outweigh the urgent need for justice, sustainability, and compassion. Food for Profit leaves viewers with the stark awareness that what we eat is never just about food.

Wara t-tikketti u l-wegħdiet tal-industrija tal-ikel hemm realtà inkwetanti. *Food For Profit* jesponi kif il-korporazzjoniet agrikoli kbar, u t-trobbija tal-annimali b’mod industrijali, jisfruttaw l-annimali, in-nies, u d-dinja li ngħixu fiha. Ħafna drabi, dan kollu jseħħ b'sistemi politiċi kompliċi f’dan iċ-ċiklu. Permezz ta’ rakkont investigattiv b’saħħtu, il-film jikxef l-impatti moħbija tal-produzzjoni tal-massa: il-qerda ambjentali, it-tbatija tal-annimali, u r-riskji għas-saħħa pubblika.

Fil-qalba tiegħu, id-dokumentarju hu sejħa għar-risponsabbiltà u t-trasparenza. Id-dokumentarju jesponi l-kompliċità ta' dawk li jibbenefikaw mis-sistema tal-ikel industrijali, u jistaqsi jekk il-profitt bla qiegħ qattx jista’ jegħleb il-ħtieġa urġenti għall-ġustizzja, is-sostenibbiltà u l-kompassjoni. *Food for Profit* iħalli lit-telespettaturi bl-għarfien qawwi li dak li nieklu qatt mhu biss dwar l-ikel.

***Full-length; Documentary; Food; Corporate Control; Technology***

*Full-length; Dokumentarju; L-Ikel; Il-Kontroll tal-Korporazzjonijiet; It-Teknoloġija*


ALM ANIMAL LIBERATION MALTA

# OCEAN

**19/10 | 12:40**
**EDEN CINEMAS**

## Colin Butfield, Toby Nowlan & Keith Scholey

**UNITED KINGDOM** IR-RENJU UNIT **| 95’ | 2025**



Under the deep blue, Ocean reveals both wonder and alarm: coral reefs, kelp forests, marine giants, and serene seamounts juxtaposed with the devastation wrought by bottom-trawling, overfishing, and habitat and biodiversity loss. The documentary makes it clear that these aren’t distant problems, but crises that threaten the very foundations of life on our planet - our survival, climate stability, and food systems.

Yet, despite the urgency, Sir David Attenborough carries a thread of hope: the ocean has a remarkable capacity for recovery. Marine protected areas are making a difference, species can recover, and action - scientific, communal, policy-driven - are proof that healing is still possible. But we need to act decisively now.

*Ocean* jiżvela kemm meravilja kif ukoll allarm panikuż għal dak li jeżisti taħt il-baħar: sikek tal-qroll, foresti tal-ħaxix tal-baħar, ġganti tal-baħar, u muntanji sottomarini fl-istess waqt mal-qirda kaġunata mis-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ, sajd żejjed, u telf ta' ħabitat u bijodiversità. Id-dokumentarju jagħmilha ċara li dawn mhumiex problemi mbiegħda mill-bnedmin, iżda kriżijiet li jheddu l-pedamenti tal-ħajja fuq id-dinja tagħna - is-sopravivenza tagħna, l-istabbiltà tal-klima, u s-sistemi tal-ikel.

Madankollu, minkejja l-urġenza, Sir David Attenborough iħaddan ħajta ta’ tama: l-oċean għandu l-kapaċità notevoli li jirkupra. Iż-żoni tal-baħar protetti qed jagħmlu differenza, diversi speċi jistgħu jirkupraw, u l-azzjoni - xjentifika, tal-komunitajiet, u tal-politiċi - huma xhieda li l-irkuprar għadu possibbli. Imma rridu naġixxu b'mod deċiżiv issa.

***Full-length; Documentary; Marine; Climate Change; Conservation***

*Full-length; Dokumentarju; L-Ambjent Marittimu; It-Tibdil fil-Klima; Konservazzjoni*


EDEN CINEMAS

# DEEP RISING

**19/10 | 19:00**
FRIENDS OF THE EARTH

## Matthieu Rytz

**UNITED STATES** L-ISTATI UNITI **| 93' | 2023**



Deep Rising delves into the environmental implications of deep-sea mining, highlighting the potential destruction of the ocean's fragile ecosystems. The film underscores the urgency of protecting the Clarion-Clipperton Zone, a vast expanse of the Pacific Ocean floor rich in biodiversity and vital to Earth's carbon balance. As the demand for metals essential to green technologies like electric vehicles and renewable energy sources grows, the documentary questions the sustainability of exploiting these deep-sea resources and the ethical considerations involved.

The documentary challenges viewers to reconsider the true cost of transitioning to a green economy. It emphasizes that safeguarding the deep ocean is not merely an environmental concern but a moral imperative, urging global action to preserve this "common heritage of humankind" for future generations.

*Deep Rising* jesplora l-implikazzjonijiet ambjentali marbuta mat-tħaffir għar-riżorsi naturali fil-baħar, u jisħaq dwar il-potenzjal għall-qirda totali tal-ekosistemi fraġli fl-oċeani. Il-film jenfasizza l-urġenza li tiġi mħarsa ż-Żona Clarion-Clipperton, medda vasta fl-Oċean Paċifiku rikka fil-bijodiversità u bżonnjuża għall-bilanċ tal-karbonju fid-dinja. Hekk kif id-domanda għall-metalli essenzjali għal teknoloġiji ħodor bħall-vetturi elettriċi u s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli tikber, id-dokumentarju jiddubita s-sostenibbiltà tal-isfruttament ta' dawn ir-riżorsi fil-baħar u l-kunsiderazzjonijiet etiċi involuti.

Id-dokumentarju jisfida lit-telespettaturi biex jerġgħu jikkunsidraw l-ispiża vera tat-tranżizzjoni għal ekonomija ekoloġika. Jenfasizza li l-protezzjoni tal-oċean mhuwiex biss kwistjoni ambjentali iżda imperattiv morali, u jħeġġeġ azzjoni globali biex dan il-"wirt komuni tal-umanità" jiġi ppreżervat għall-ġenerazzjonijiet futuri.

***Full-length; Documentary; Marine; Technology; Conservation***

*Full-length; Dokumentarju; L-Ambjent Marittimu; It-Teknoloġija; Konservazzjoni*

# REGISTER FOR YOUR PREFERRED MOVIE SCREENING HERE

*IRREĠISTRA BIEX TARA L-FILM LI JINTERESSAK HAWNHEKK*

## CLICK HERE

*AGĦFAS HAWN*

## OR SCAN ME

*JEW SKENJA HAWN*

# PROGRAMME
## *PROGRAMM*

**FRIDAY 17TH OCTOBER**
**IL-ĠIMGĦA 17 TA' OTTUBRU**

### FLOW
EDEN CINEMAS
**12:40**

### SHORT ENVIRONMENTAL MOVIES
*FILMS QOSRA DWAR L-AMBJENT*

VALLETTA CONTEMPORARY
**17:30**

SCREENING OF FOUR SHORT ENVIRONMENTAL MOVIES: OIL AND WATER, WOMAN OF THE SEA, BIRDS WITHOUT BORDERS, ĦUBŻ U RIZZ
*SENSIELA TA' ERBA' FILMS QOSRA DWAR L-AMBJENT: OIL AND WATER, WOMAN OF THE SEA, BIRDS WITHOUT BORDERS, ĦUBŻ U RIZZ*

### ALCARRÀS
MOVIMENT GRAFFITTI
**19:00**

AN INFORMAL DISCUSSION WILL FOLLOW THE MOVIE SCREENING.
IKUN HEMM DISKUSSJONI INFORMALI WARA L-WIRJA TAL-FILM.

### LUZZU
CAFÉ RICHE
**19:30**

A DISCUSSION WITH THE MOVIE DIRECTOR WILL FOLLOW THE SCREENING.
IKUN HEMM DISKUSSJONI MAD-DIRETTUR WARA L-WIRJA TAL-FILM.

### THE SEEDS OF VANDANA SHIVA
KIXOTT
**20:00**

## SATURDAY 18TH OCTOBER
## IS-SIBT 18 TA' OTTUBRU

**SAVAGES** — EDEN CINEMAS 11:00

**JANE GOODALL: REASONS FOR HOPE** — EDEN CINEMAS 13:30

**THE GREAT GREEN WALL** — FRIENDS OF THE EARTH 14:00

**THE SAMI SONG OF SURVIVAL** — FRIENDS OF THE EARTH 16:00

**THE GUARDIANS OF PACHAMAMA** — FRIENDS OF THE EARTH 17:00
A DISCUSSION WITH THE MOVIE DIRECTOR WILL FOLLOW THE SCREENING.
IKUN HEMM DISKUSSJONI MAD-DIRETTUR WARA L-WIRJA TAL-FILM.

## SUNDAY 19TH OCTOBER
## IL-ĦADD 19 TA' OTTUBRU

**THE WILD ROBOT** — EDEN CINEMAS 10:00

**FOOD FOR PROFIT** — FRIENDS OF THE EARTH 12:00
A DISCUSSION WITH THE MOVIE DIRECTOR WILL FOLLOW THE SCREENING.
IKUN HEMM DISKUSSJONI MAD-DIRETTUR WARA L-WIRJA TAL-FILM.

**OCEAN** — EDEN CINEMAS 12:40

**DEEP RISING** — FRIENDS OF THE EARTH 19:00
A DISCUSSION WITH THE MOVIE DIRECTOR WILL FOLLOW THE SCREENING.
IKUN HEMM DISKUSSJONI MAD-DIRETTUR WARA L-WIRJA TAL-FILM.

# VENUE INFORMATION

*INFORMAZZJONI DWAR IL-POSTIJIET TAL-WIRJIET TAL-FILMS*

## CAFÉ RICHE

**Triq P. Boffa, Il-Birgu**

MAP
MAPPA




## EDEN CINEMAS

**Il-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan**

MAP
MAPPA




## FRIENDS OF THE EARTH

**Xatt iċ-Ċangatura, Il-Furjana**

MAP
MAPPA



## KIXOTT

### 169, Triq Il-Kbira, Il-Mosta

MAP
MAPPA




## MOVIMENT GRAFFITTI

### 67, Strada Stretta, Il-Belt Valletta

MAP
MAPPA




## VALLETTA CONTEMPORARY

### 15-17, Triq Lvant, Il-Belt Valletta

MAP
MAPPA




We encourage all attendees to choose sustainable travel options when joining us for ĊineAmbjent. Walking, cycling, or catching the bus are great ways to reduce pollution and keep our festival in line with its values of care for people and planet.

For details on bus routes, cycling paths, and other eco-friendly travel tips, please see our Green Travel Plan. Should you have require further information, please do not hesitate to contact us on info@foemalta.org.

Inħeġġu lil dawk kollha li jattendu biex jagħżlu mezzi ta' trasport iktar sostenibbli meta jivvjaġġaw għal ĊineAmbjent. Il-mixi, ir-rota, jew il-karozza tal-linja huma mezzi effettivi biex tnaqqas it-tniġġis u żżomm mal-valuri tal-festival: li nieħdu ħsieb in-nies ta' madwarna u d-dinja li ngħixu fiha.

Għal dettalji dwar ir-rotot tal-karozzi tal-linja, mogħdijiet għar-roti, u pariri oħra dwar kif tista' tivvjaġġa b'mod iktar nadif, jekk jogħġbok ara l-Green Travel Plan tagħna. Jekk ikollok bżonn iktar informazzjoni, tista' tikkuntattjana fuq info@foemalta.org.

# COLLABORATORS
*KOLLABORATURI*

## SPECIAL THANKS TO:
*ĦAJR SPEĊJALI LIL:*

Alex Camilleri

Animal Liberation Malta

Aprille Zammit

Café Riche

Chelsea Muscat

Cultures of Resistance Films

Eden Cinemas

Emanuel Polidano

Kixott

Make Waves Ltd

Mariah Iviè Cutajar

Mark Trapani

Moviment Graffitti

Pablo D'Ambrosi

Sea Ocean Alliance Malta

Valletta Contemporary

ĊINE
AMBJENT

friends of the earth malta

YOUTH POLICY ACADEMY

Funded by the European Union